# QORTI CIVILI – PRIM AWLA

## - SEZZJONI TAL-FAMILJA -

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum it-Tlieta, 17 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 1**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru : 69/2018/2/LSO**

**'X' (Karta tal-Identita` numru X)**

**vs**

**'Y' (karta tal-Identita` numru Y)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' 'X' (Karta tal-Identita` numru X) datat 14 ta' Marzu 2018 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimat milli jbiegh, jittrasferixxi u/jew b'xi mod iehor jiddisponi minn mobbli jew immobbli diversi, partikolarment:

1. Il-fond bl-isem "Pangaea" sitwat fi Triq ix-Xaghra ta' Barra, Santa Marija Estate, Mellieha;

2. Il-fond bl-isem "Penmarric" jew atternattivament "ShipOne", fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Birkirkara;

3. Il-porzjon art fir-Rabat (Malta) formanti parti mill-kontrada "Ta' Gheriexem" tal-kapacita` superficjali ta' madwar erbat etef u mitt metru kwadru (4,100 m.k.), liema porzjon diviza ta' art tmiss mil-Lbic ma' passagg miftuh mill-awturi tal-venditur li jizbokka fi Triq Gheriexem, li minnu l-art in vendita tgawdi d-dritt ta' access ininterrott, gratuwitu u perpetwu, u minn kull rih iehor ma' beni tal-venditur hlief fejn tmiss ma' Triq Gheriexem, jew irjieh ohra aktar verjuri, liema art hija adjacenti ghal artijiet mahdumin minn certi Saliba u Grech, liema porzjon art kienet mixtrija permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Frar 2007 in atti tan-Nutar Dr Mark Anthony Sammut u li fuqha nbena razzett;

4. Il-vettura Porsche bin-numru ta' registrazzjoni KBV-861.

Illi dan il-mandat ta' inibizzjoni qed jintalab sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-esponenti, partikolarment dawk li jirrizultaw mill-ipoteka li tirrizulta minn kostituzzjoni ta' debitu datata 29 ta' Lulju 2014 in atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, fejn l-esponenti hija kreditrici ghall-ammont ta' €450,000:

Illi fil-prezent, 'Y' m'hu qed ihallas ebda manteniment versu l-esponenti u/jew uliedhom minuri.

Illi l-esponenti se tigi pregudikata jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat li dan il-mandat ta' inibizzjoni giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Marzu 2018 f'12:30pm.

Rat ir-risposta guramentata ta' 'Y' datata 27 ta' Marzu 2018 (fol 11) fejn espona :

Illi l-esponenti huwa l-intimat fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 69/18 fejn il-mara tieghu cioe` 'X' qieghda taghmel talba sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha fuq proprjeta` illi

hija esklussivament tal-esponenti u dan minhabba proceduri ta' seprazzjoni li hemm pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi huwa minnu li l-konjugi ‘Z’ huma mizzewgin u li l-mandat ta' inibizzjoni qieghed isir a bazi tal-artikolu 876 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikkawtela l-interessi ta' ‘X’ pendenti proceduri ta' Separazzjoni.

Illi l-konjugi ‘Z’ huma mizzewgin u z-zwieg taghhom huwa regolat permezz ta' separazzjoni tal-assi u ghalhekk dak kollu li huwa tal-esponenti ghandu jitqies tieghu biss, u dak kollu li huwa ta' ‘X’ huwa wkoll taghha biss. Bejn il-kontendenti ma hemmx proprjeta` in komuni.

Illi minhabba dan, u cioe` l-fatti li l-partijiet ghandhom separazzjoni tal-assi, l-unika dritt illi jista’ jkollha fuq il-proprjeta` tieghu huwa ta' manteniment futur jekk talvolta ikun dovut kif previst fil-ligi.

Illi jigi rilevant li sa issa r-rikorrenti lanqas ghadha pprezentat talba sabiex jigi versal lejha manteminent u ghalhekk zgur li sa dan l-istadju ma jezisti ebda interess li jista’ jigi kawtelat permezz ta' dan ir-rikors u ghalhekk tali talba hija intempestiva.

Illi *di piu`*, anke jekk *in pessima ipotesi* jigi ordnat minn din il-Qorti li l-esponenti ghandu jivversa xi manteniment lill-intimata, zgur li dak l-ammont mhux ser ikollu l-valur ta' erba' proprjetajiet immobbli, tal-vettura tal-ghamla Porcshe

u ghaldaqstant din it-talba tar-rikorrenti mhix qieghda ssir sabiex jigi salvagwardat id-dritt possibilment futur taghha izda sempliciment sabiex tivversa lill-esponenti.

Illi dwar l-ipoteka li allegatament tissemma mir-rikorrenti registrata fl-atti tan-nutar Dr Mark Anthony Sammut, fl-ewwel lok ma giex ipprovat l-ezistenza taghha u lanqas ma gie indikat il-kawzali ta' l-istess.

Illi jinghad li s-separazzjoni in desamina bejn il-kontendenti mhix qed issir b'mod amichevoli u bonarju izda hija wahda kontestat u dan ghaliex l-esponenti qed jakkuza lir-rikorrenti li hija hatja ta' adulterju u ghalhekk l-ipoteka li semmai hemm inskritta ma tapplikax f' dan il-kaz.

Illi r-rikorrenti naqset li tipprova li l-esponenti qieghed jipprova jiddisponi mill-proprjeta` tieghu b'mod illecitu jew bi kwalsiasi mod iehor.

Illi l-esponenti jfakkar lil din l-Onorabbli Qorti li mandat ta' inibizzjoni hija mizura straordinarja li ghandha tidhol fis-sehh biss jekk id-drittijiet ta' dak li jkun ma jkunx jistghu jigu salvagwardati permezz ta' azzjoni iehor. F'dal kaz huwa ampju car li l-esponenti ghandu bizzejjed proprjeta` immobli sabiex jkopri d-drittijiet futuri li talvolta jista' jkollha r-rikorrenti u ghalhekk zgur li sa issa r-rikorrenti ma sofriet l-ebda molesta u wisq anqas ma r-rikorrenti pprovat *prima facie* li hija ghandha xi debitu *verso* l-intimat l-ghandu jigi kawtelat b'din il-procedura.

Illi kif inghad fis-sentenza **Giacomo Galea v. Pio Bezzina[1];** (Qorti tal-Appell Superjuri, deciza 5 ta' Awwissu 1954)

*"tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifleri l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fll-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad li jkun jidher "prima facie" li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appelant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "prima facie" li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appelant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett, li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent. Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f' din il-kawza u ma ghandhiex tmur aktar l'hemm u tiddeciedi f' din il-kawza tar-rikorrent; altrimenti tkun tkun qieghda taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar l' hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-ezitu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi l-mandat; liema meritu mhux quddiem din il-Qorti."*

Ghalqastant u *in vista* tas-suespost, l-esponenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet attrici ghal-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni 69/18.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 17 ta' April 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Lara Dimitrijevic u Dr Rebecca Muscat. L-intimat u Dr Andy Ellul imsejha tliet darbiet ma dehrux. Ir-rikorrenti kienet awtorizzata tipprezenta dokumenti *seduta stante*, u Dr Lara Dimitrijevic prezentat nota b'dokumenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Lara Dimitrijevic.

**INGHATA DIGRIET:**

Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti, u wara li rat l-atti tar-rikors u r-risposta, ikkonsidrat li r-rikors odjern sar fit-termini tal-Art 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi jehtieg li jigu murija zewg elementi, u cioe`: (a) il-jedd *prima facie*, u (b) il-htiega ghall-hrug tal-mandat *stante* pregudizzju rrimedjabbli.

Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxiela tissodisfa z-zewg elementi mehtiega bil-ligi *stante* li l-jedd taghha jemani minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok KP1).

Illi f'kaz li l-mandat ta' jintlaqax, ir-rikorrenti ser tkun sprovista minn kawtela idonea tad-drittijiet taghha.

Tichad l-eccezzjonijiet sollevati fid-dawl tal-premess.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat kif dedott fit-talba.

Tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-intimat.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**17 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**17 ta' April 2018**